MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2234/1999/1

**Joseph u Maria konjugi Borg**

**Vs**

**Marita Abdilla**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur Joseph Borg ippremetta illi kien involut f'incident awtomobilistiku mal-konvenuta fit-13 ta' Novembru, 1997 ghall-habta tas-2.30 pm f' Marsamxetto Road, Valletta meta l-attur kien qed isuq coach bin-numru tar-registrazzjoni LCY 952, waqt li l-konvenuta kienet qed issuq vettura tal-marka Subaru bin-numru ta' registrazzjoni FBB 947.

Premess illi dan l-incident sehh tort unikament tal-konvenuta minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

Premess illi a kawza ta’ dan l-incident l-atturi sofrew danni konsistenti fi hsara fil-vettura taghhom.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku li sehh bejn l-attur Joseph Borg u l-konvenuta fit-13 ta’ Novembru 1997 ghall-habta tas-2.30pm f’Marsamxetto Road, Valletta sehh tort unikament tal-konvenuta.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi a kawza ta’ l-istess incident.

3. Tuikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-imghax.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in**-nota ta’ l-eccezzjonijiet** tal-konvenuta a fol. 12 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi billi l-incident in kwistjoni ma sehhx b’tort tal-eccipjenti, izda b’tort unikament tal-attur Joseph Borg u dan minhabba traskuragini u imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Joseph Borg hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati mill-atturi ;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet a fol. 35;

Rat in-noti tal-partjiet;

**PROVI**

**Skond l-okkorrenza** l-konvenuta kienet qalet lis-Surgent li kienet ipparkjata bil-bieba miftuha biex tinzel, kienet ghaddejja Bus LCY 952 u kaxkrita maghha. Id-*driver* tal-*bus* qal li kien ghaddej f’Triq  M’Xetto. Hekk kif wasal hdejn karozza  FBB 947 ix-xufier taghha fethet il bieba u laqtet mal-*bus* tieghu.

**Fil-Qorti s-Surgent 630 C. Micallef** xehed li l-incident gara f’M’Xetto Road, fejn hemm il-*garages*. Kien hemm karozzi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq. L-incident gara fil-parti dritta tat-triq. Hu kkonferma l-versjoni li kienu tawh id-*drivers*. Il-hsara  fuq il-*bus* kienet fuq in-naha tax-xellug ta’ quddiem fuq l-*inidcator* u ntlaqat il-*windscreen*. Il-hsara fil-karozza kienet fil-bieba.

**L-attur** xehed li kien qed isuq il-*bus* in kwistjoni  f’M’Xetto Road. It-triq kienet dejqa kemm jghaddu zewg karozzi u f’hin minnhom infethet bieba ta’ karozza fuq in-naha tax-xellug tieghu, din laqtitu fix-xifer tal-*windscreen* ta’ quddiem, li nkiser. Waqaf u kellem lill konvenuta. Dina qaltlu li meta gara l-incident l-bieba kienet miftuha. Hu qalilha li kieku kienet miftuha kien jaraha. Meta nfethet il-bieba hu kien xi seba’ piedi ‘l boghod minnha, bbrekja izda ma setghax jevita l-incident.

**Il-konvenuta** xehdet li kienet ipparkjata. Fethet il-bieba u zammietha b’idejha, harget l-ewwel sieq, daret biex iggieb il-*handbag* u sakemm giet biex tkompli tohrog, ghaddiet *bus* u haditilha l-bieba minn idejha. Biex ghamlet dan kollu damet ftit sekondi. Il-bieba kienet bexqitha kemm tohrog saqajha. Taqbel li l-vetturi spiccaw kif hemm indikat fl-iskizz. Ma kienitx certa jekk meta fethet il-bieba harsitx lura jew fil-mera. Il-propabbilita’ li harset mill-mera.

**John Callus**, surveyor ma Gasan & Mamo xehed li kien ghamel survey fuq il-*bus*. Kien hemm *loss of use 6/7 days; labour* u *spray* Lm195 *u* Lm130 *windscreen* - ara Dok JC a fol. 43-44.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Responsabilita'**

Illi l-attur xehed li kien ghaddej minn M'Xetto Road. It-triq kienet dejqa kemm jghaddu zewg karozzi u f'hin minnhom infethet il-bieba tal- karozza tal-konvenuta fuq in-naha tax-xellug tieghu u laqatha. Minn naha l-ohra l-konvenuta ssostni li hija kienet bil-bieba miftuha biex tohrog u l-*bus* laqtitha.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-incident gara fil-parti dritta tat-triq f'M'Xetto Road, fejn hemm il-*garages* qabel tasal fejn House of Catalonya. Il-konvenuta fethet il-bieba tal-karozza biex tohrog mill-karozza taghha li kienet ipparkjata u dak il-hin ghaddiet il-*bus* u laqtitha fuq il-bieba. Il-konvenuta ssostni li l-bieba kienet diga miftuha meta l-*bus* laqtitha mentri l-attur jghid li l-bieba infethet ghal gharrieda meta ghadda minn hdejn il-konvenuta.

L-attur jargumenta li kieku l-bieba verament kienet miftuha, hu kien ikun f'posizzjoni li jaraha u ma jidholx fiha billi f'dika l-parti t-triq hija ghad-dritt.

Ma giex pruvat li l-konvenuta qabel fethet il-bieba harset lura jew fil-mera biex tara jekk tistax tiftah il-bieba biex tohrog. Hi ma tiftakarx ezatt x'ghamlet u kienet biss fuq domanda tal-Qorti li hija semmiet dana l-fatt. Jidher li hija kienet aktar mohha biex iggib l-basket mill-karozza qabel tohrog milli biex tara jekk kienux gejjin karozzi.

Skond il Highway Code (Ara appendici V nurmu 37 "*You MUST NOT open any door of your vehicle so as to cause injury or danger to anyone.*" *u section 34 tal Kodici* " *Exercise care when stepping on to the carriageway to get in our out of a car.*"

Jidher li l-incident gara ghax il-konvenuta fethet il-bieba tal-karozza minghajr ma harset biex tara jekk kienx *safe* ghaliha li taghmel hekk u dak il-hin li fethet il-bieba ghaddiet il-*bus*. Il-konvenuta kellha tipprevedi li l-vetturi hemmhekk ser jghaddu vicin mal-karozza taghha billi t-triq ma tippermettiex. Kieku l-konvenuta verament harset biex tara jekk kienux gejjin karozzi ma kelliex ghalfejn ma tarax *bus* gejja. Dina kienet *coach* mill-kbar (ara fol. 44). Lanqas ma tista' tghid li l-*bus* tfaccat minn imkien jew giet bi *speed*.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-tort ta' l-incident kien unikament tal-konvenuta.

**DANNI**

Skond John Callus, surveyor ma Gasan & Mamo kien hemm *loss of use 6/7 days; labour* u *spray* Lm195 u Lm130 *windscreen* u *supply* ta' *parts* fosthom jinbidel il-*windscreen* - Ara Dok JC a fol. 43-44.

L-atturipprezenta s-segwenti dokumenti: (ara fol. 18 et seq):

*Spare Parts* Mike Service Station
Lm93.00
*Labour & Spray*
Lm195.00
*Windscreen* (twahhil tieghu)
Lm130.00
*Loss of Use* bil Lm100 *per day*
Lm600.00
(Billi l-attur ma gabx prova kemm damet tissewwa l-*bus* il-Qorti
ser tiehu l-anqas miz-zewg dati).
*Windscreen*
Lm1,371.95

**TOTAL**
**Lm2,389.95**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku li sehh bejn l-attur Joseph Borg u l-konvenuta fit-13 ta' Novembru, 1997 ghall-habta tas-2.30pm f'Marsamxetto Road, Valletta sehh tort unikament tal-konvenuta;

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi a kawza ta' l-istess incident fl-ammont ta' Lm2,389.95;

Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez  ghal konvenuta u l-imghax mid-data tas-sentenza;

--------------------------------TMIEM--------------------------------